

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

8906/26

LIMITE

CORLX 433
CFSP/PESC 636
COAFR 118
CONUN 66
COARM 67
FIN 632

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 dwar miżuri restrittivi
fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135¹.
- (2) Fis-27 ta' Novembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”) ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni, li fiha l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha tennew il-kundanna qawwija tagħhom tal-ġlied kontinwu bejn il-Forzi Armati Sudaniżi (SAF) u l-Forzi ta' Appoġġ Rapidu (RSF) u l-milizzji affiljati rispettivi tagħhom. Id-dikjarazzjoni ddeplorat ukoll l-eskalazzjoni drammatika tal-vjolenza u d-dannu irreparabbli li sar għall-ħajja tan-nies f'Darfur u fil-pajjiż kollu, kif ukoll il-ksur tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali.
- (3) Fit-28 ta' Ottubru 2025, inħarġet dikjarazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissarju Lahbib dwar is-sekwestru ta' El Fasher. Id-dikjarazzjoni ssottolinjat li s-sekwestru tal-kapital tad-Darfur mill-RSF immarka punt ta' bidla perikoluż fil-gwerra u hedded li jkompli jaggrava s-sitwazzjoni umanitarja diġà mwiegħra. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni żiedet li l-fatt li persuni ċivili jinsabu fil-mira abbażi tal-etniċità tagħhom jenfasizza l-brutalità tal-RSF.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/2135 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jdgħajfu l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2135, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2135/oj>).

- (4) Fl-20 ta' Novembru 2025, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni li kkundannat bil-qawwa l-atroċitajiet imwettqa f'El Fasher mill-RSF. Id-dikjarazzjoni enfasizzat ukoll li r-responsabbiltà primarja biex jintemm il-kunflitt hija tat-tmexxija kemm tal-RSF, is-SAF u l-milizzji alleati tagħhom, kif ukoll ta' dawh li jipprovduhom appoġġ dirett jew indirett, u ħeġġet lill-partijiet kollha fil-kunflitt biex jerġġu jibdwew in-negozjati biex jinkiseb waqfien mill-ġlied immedjat u dejjiemi.
- (5) Fil-21 ta' April 2026, ir-Rappreżentant Għoli ħareġ dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni tliet snin mill-bidu tal-gwerra fis-Sudan. Id-dikjarazzjoni enfasizzat li l-kunflitt bejn l-SAF, l-RSF u l-milizzji affiljati rispettivi tagħhom qed jeqred il-ħajjiet u jċaħħad lill-popolazzjoni mill-aspirazzjonijiet tagħha tar-rivoluzzjoni fl-2018/19. Id-dikjarazzjoni żiedet li l-Unjoni tuża l-ġhodod kollha disponibbli, fosthom id-diplomazija u miżuri restrittivi – biex tirsisti għall-paċi, inkluż sanzjonijiet addizzjonali mmirati lejn l-ekonomija tal-gwerra tas-Sudan.
- (6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu introdotti aktar miżuri restrittivi.
- (7) B'mod partikolari, l-estrazzjoni tad-deheb u l-isfruttament tad-deheb huma sorsi ewlenin ta' introjtu għas-SAF u għall-RSF, li jużaw biex isostnu l-kunflitt fis-Sudan.
- (8) Għalhekk, huwa xieraq li jiġi pprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb jekk joriġina mis-Sudan u jkun ġie esportat mis-Sudan lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni].

- (9) Huwa xieraq ukoll li jiġu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni tad-deheb jew għall-isfruttament tad-deheb, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan.
- (10) Biex tkun tista' ssir it-terminazzjoni ordnata tal-kuntratti rilevanti eżistenti, , huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni temporanja għall-projbizzjoni fuq il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni tad-deheb jew għall-isfruttament tad-deheb fis-Sudan.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135 tiġi emendata skont dan.
- (12) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2023/2135, jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 2a

1. Għandu jiġi pprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment, direttament jew indirettament, ta' deheb jekk joriġina mis-Sudan u jkun ġie esportat mis-Sudan lejn l-Unjoni jew lejn kwalunkwe pajjiż terz wara ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni].
2. Għandhom ikunu pprojbiti:
 - (a) l-ġhoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmijin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' daww l-oġġetti, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1;
 - (b) l-ġhoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kull xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' daww l-oġġetti, jew għall-ġhoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1.
3. Il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal deheb li huwa neċessarju għall-finijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fis-Sudan li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.
4. L-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

Artikolu 2b

1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-estrazzjoni tad-deheb jew għall-isfruttament tad-deheb, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan.
2. Għandu jiġi pprojbit:
 - (a) il-forniment ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' daww l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan jew għall-użu fis-Sudan;
 - (b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe bejgħ, provvista, trasferiment jew esportazzjoni ta' daww l-oġġetti, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati, b'mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fis-Sudan, jew għall-użu fis-Sudan.
3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, fejn applikabbli, il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti maħsuba għal finijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

4. Fir-rigward ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2837 11, kif elenkati fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2147^{**}, u mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (UE) 2021/821, il-projbizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-eżekuzzjoni sa ... [ĠU: inkludi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni + 6 xhur] ta' kuntratti konklużi qabel ... [ĠU: inkludi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni], jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.
5. L-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu."

* Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/821/oj>)

** Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/2147 tad-9 ta' Ottubru 2023 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' attivitajiet li jimminaw l-istabbiltà u t-tranżizzjoni politika tas-Sudan (ĠU L, 2023/2147, 11.10.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2147/oj>).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President